## Kunsill Lokali Ħal Għargħur

## Pjan ta’ Ħidma
## 2012 - 2014

## Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri | 2 |
| Oġġettivi , Riżultati Mistennija u Strateġiji | 3 |
| Analiżi tax-Xogħlijiet | 5 |
| Tbassir Finanzjarju | 8 |
| Żvilupp Kapitali | 11 |

Il-Pjan ta' Ħidma 2012 – 2014 prattikament ikopri l-leġistlatura tal-Kunsill Lokali li għadu kif inħatar.

Il-pjanijiet tagħna għall-ewwel sena jirriflettu dawk l-inizjattivi li ġew elenkati fl-istimi li konna ħejjejna għas-sena 2012 u li issa ġew ratifikati mill-Kunsill il-ġdid. L-għan ewlieni tagħna hu li inkomplu noffru servizz mill-aqwa lir-residenti tagħna, inżidu l-firxa tas-servizzi, ħalli b'hekk ir-residenti ikomplu jinqdew aħjar fil-lokal fejn jgħixu, filwaqt li naraw li inħaddmu r-riżorsi li għandna għad-disposizzjoni tagħna bl-aktar mod effettiv u effiċċjenti.

Matul din is-sena ser inkunu qed niksu bit-tarmak Triq Fra Dumink Mifsud u parti minn Triq Sta Marija taż-Żellieqa kif ukoll ser jinbnew bankini ġodda fi Triq Karmnu Zarb. Ir-raħal tagħna illum igawdi minn toroq tajba u ta' kwalita` u għalhekk hu importanti li nkomplu ninvestu f'dan il-qasam ħalli b'hekk nisguraw li niksbu aktar titjib. It-tisħiħ tal-infrastruttura, l-ħarsien tal-ambjent, l-indafa fir-raħal u l-iżvilupp sostenibbli tal-lokalita` huma kollha objettivi li illum jiffurmaw parti integrali mill-operat tagħna bħala Gvern Lokali u aħna determinati li nkomplu bl-impenn tagħna f'dawn l-oqsma kif inhu rifless sew f'dan il-Pjan ta' Ħidma.

Il-Qasam Soċjali wkoll ser ikompli jingħata l-attenzjoni li jixraqlu u diġa ħadna l-passi sabiex jinħatar mill-ġdid Sotto Kumitat li jkollu l-għan ewlieni li jmexxi l-quddiem il-politika tal-Kunsill f'dan il-qasam kif ukoll jiddentifika inizjattivi ġodda. Tajjeb li nsemmi li ninsabu fi stadju avvanzjat sabiex uffiċċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali jibdew jattendu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ħalli jaqdu l-ħtiġijiet tar-residenti.

Diġa ssottomejna diversi applikazzjonijiet sabiex niksbu aktar fondi mingħand il-Gvern Ċentrali taħt id-diversi skemi li ġew varati. Ladarba ningħataw il-fondi ser inkunu qed nieħdu aktar inizjattivi sabiex intejbu l-*playing fields* tar-raħal, inwettqu proġetti ta' restawr etc. Aktar dettalji dwar l-applikazzjonijiet li għandna pendenti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill.

Matul dawn it-tliet snin il-ħsieb tagħna hu li nkunu lestejna l-bini mill-ġdid tal-Ġnien tal-Ponta li għalih imexxielna niksbu fondi mill-UE. Ladarba joħroġ il-permess tal-MEPA inkunu nistgħu nipproċedu bis-sejħa għall-offerti ħalli jintgħazel il-kuntrattur. Wara li ħadna d-devoluzzjoni tal-propjeta' magħrufa bħala s-*Searchlight Battery* qegħdin naraw kif nistgħu nagħmlu l-aħjar użu minn din il-propjeta` storika u fil-ġimgħat li ġejjin għandna nkunu f'pożizzjoni li nieħdu deċizjoni finali ta' kif ser nipproċedu. Bħalissa għaddejjin bil-proċess sabiex niksbu l-approvazzjoni għall-*Bye Laws* li qed nipproponu sabiex inħarsu kif jixraq l-għerien magħrufa bħal ta' San Brinkat u dan bil-għan li kulħadd ikollu d-dritt li jgawdi dawn l-għerien f'ambjent nadif u sikur.

Dawn huma ftit mill-inizzjattivi li ser inkunu qed naħdmu fuqhom fis-snin li ġejjin. Hu ta' sodisfazzjon għalija bħala Sindku ninnota li l-Kunsill li għadu kif inħatar hu wieħed magħqud u għandu l-kwalitajiet u l-ħiliet meħtieġa sabiex ikun effettiv fil-ħidma tiegħu b'risq ir-residenti Għargħurin. Jiena nixtieq nieħu din l-opportunita` sabiex flimkien mal-Kunsillieri nirringrazzja lir-residenti tal-appoġġ u l-koperazzjoni tagħhom u tal-fiduċja li huma afdawlna u nwegħdhom li ser inkomplu naħdmu b'heġġa u dedikazzjoni.

Mario Gauci
Sindku

## *2.0 L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri*

### 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Li l-Kunsill jwettaq l-funzjonijiet tieghu b'integrità permezz ta' ġestjoni effettiva tar-riżorsi disponibbli fejn kontinwament naraw li niehdu valur ghall-flusna. Li jigu iddentifikati is-sfidi u l-opportunitajiet tal-lokalita' tagħna u flimkien nippjana b'mod diliġenti għall-futur.

Li nikkontribwixxu għall-iżvilupp kontinwu tal-lokalita' tagħna u għal titjib fil-kwalita' tal-hajja u l-livell ta' ghexjien tar-residenti tagħna.

Li nużaw b'mod efficcjenti r-riżorsi tagħna filwaqt li niżguraw żvilupp sostenibbli tal-lokalita' tagħna.

Li niddistingwu ruhna bhala wieħed mill-aqwa Kunsill Lokali fil-gzejjer Maltin, noffru servizz eccellenti lir-residenti u nkunu kontinwament responsabbli ghall-ghemilna.

Biex ninvestu fl-iżvilupp sostenibbli tal-Kommunita' Gharghurija, nippremjaw l-altruizmu, l-hidma volontarja u l-kontribut socjali.

**2.2 Valuri** Il-Valuri tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur huma:-

- Li nimmassinimaw il-benefiċċji ghall-Komunita' tagħna kollha kemm hi waqt li nirrispettaw il-bżonnijiet ta' individwi u ta' oqsma speċifiċi.
- Li nimpjegaw b'mod effettiv ir-riżorsi li jkollna għall-benefiċċju tal-lokalita' u residenti.
- Li nirrispettaw l-opinjonijiet u t-twemmin tal-membri kollha tal-komunita' tagħna.
- Li ninkoraġġixxu l-izvilupp sostenibbli tal-lokalita'.
- Li namministraw b'mod ġust u miftuħ l-ħidma tal-Kunsill
- Li naghmlu l-almu tagna halli dak li nwettqu jkun tal-oghla kwalita'.

## *3.0 L-oġġettivi, ir-riżultati mistennija u l-Istrateġija*

### 3.1 Oġġettivi għal qasir żmien u riżultati mistennija fl-2012

| Oġġettivi | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| • Biex namministraw b'mod effettiv ir-riżorsi disponibbli lilna, niżguraw ġestjoni tajba tar-responsabbiltajiet delegati lilna u niehdu inizjattivi li jtejbu l-livell tal-ħajja tar-residenti tagħna. | Apprezzament mir-residenti tagħna għall-kontribuzzjoni valida u tangibli tal-Kunsill. Ġestjoni effettiva tar-riżorsi tagħna tiżgura li aħna se niksbu valur għall-flusna kontinwament u li l-infiq tagħna jinżamm fil-limitu tar-riżorsi finanzjarji li jkollna ghad-disposizzjoni taghna. Gradwalment il-kontribut tal-Kunsill jghin sabiex titjib il-kwalita’ tal-hajja tar-residenti. |
| • Servizzi lill-komunita jinghataw b’iktar ħeffa u effiċjenza massima. | Ir-residenti tagħna jibbenefikaw minn livell imtejjeb tas-servizz. Jitnaqqas l-ħin ta' risposta insegwitu ta’ tħaddim ta’ proċedura effettiva. Ir-residenti jinghataw informazzjoni kontinwa dwar suggerimenti u ilmenti li huma iressqu ghall-attenzjoni tal-Kunsill. |
| • Titjib tat-toroq tal-lokalità. Fit-tnax il-xahar li gejjin ser isir kisi mill-gdid bit-tarmak ta’ parti minn Triq Santa’Marija Taz-Zellieqa u Triq Fra Duminku Mifsud. Bankini, sinjali tat-traffiku u marki jiġu mtejba u regolarment miżmuma f'kundizzjoni tajba. | Il-kwalità tat-toroq fil-lokalità tagħna tkompli titjib. It-traffiku jkun regolata ahjar u titjieb s-sigurtà ghal min jimxi fit-triq. |
| • Li niksbu aktar fondi minn sorsi oħra bħall-*Urban Improvement Fund.* | Il-fondi li jinkisbu ser jintużaw għal-proġett ta’ titjib ta’ bankini ta' Triq Dun Karm Zarb. |
| • Li nipparteċipaw b'mod attiv fi skemi ta' finanzjament tal-Gvern biex nimbarkaw fuq proġetti bl-intenzjoni li tittejjeb l-infrastruttura tal-lokalita'. | Il-Kunsill kontinwament jiehu l-opportunita’ li japplika għall-iskemi ta’ finanzjament amministrati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. B’hekk jizdiedu r-rizorsi finanzjarji ghad-disposizzjoni tal-Kunsill. |
| • Li jizdied il-kontribut soċjali tal-Kunsill permezz ta’ organizzazzjoni ta' korsijiet edukattivi, attivitajiet kulturali u avvenimenti ohra li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni wiesgħa tar-residenti tagħna. Aħna se naħdmu mill-qrib mal-għaqdiet lokali sabiex nħeġġu l-altruwiżmu u x-xogħol volontarju fil-komunità tagħna. | Il-kontribuzzjoni tagħna tgħin biex jissaħħu s-sens ta' appartenenza tar-residenti tagħna fi ħdan il-komunità kif ukoll l-identità tal-lokalita' tagħna. L-attivitajiet jgħinu biex jinżamm kuntatt qrib mar-residenti tagħna. |
| • Investiment fil-generazzjoni ta’ energija nadifa. | Jibdew jithaddmu il-pannelli fotovoltajċi fi Gnien il-Paci billi jiġu mqabbda mal-*grid* tal-Enemalta. |
| • Tinbena websajt ġdida u nippromwovu l-użu tal-internet. | Din l-inizjattiva tghinna nippromwovu ahjar l-hidma tal-Kunsill. Il-websajt il-gdida tkun ipprezentata ukoll bil-lingwa Maltija. |

## *3.0 L-oġġettivi, ir-riżultati mistennija u l-Istrateġija*

### 3.2 Oġġettivi għal żmien fit-tul u riżultati mistennija (2013 - 2014):

| Oġġettivi | Riżultati mistennija |
|---|---|
| • Biex isir aktar titjib fit-toroq. | It-toroq tar-rahal ikomplu jinzammu kontinwament fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. |
| • Biex nipproteġu u nikkonservaw Ghar San Brinkat | Li tigi leġislata u mħadma l-Bye-law li giet pproposta mill-Kunsill, bl-iskop ewlieni li nipproteġu Għar San Brinkat. |
| • Biex nikkonkludi ftehim ta' ġemellaġġ ma' xi Kunsill Lokali fl-Unjoni Ewropea. | Niffinalizzaw ftehim ta' ġemellaġġ bil-ghan li inkunu nistghu naqsmu esperjenzi ma Gvern Lokali f'pajjiz iehor u flimkien niżviluppaw oqsma ta' kooperazzjoni. |
| • Li nirrappreżentaw effettivament il-Kunsill fir-Reġjun Tramuntana. | Il-Kunsill jkun f'pożizzjoni li jinduċi influwenza fit-teħid tad-deċiżjoni fil-livell superjuri tal-awtorità reġjonali. |
| • Li nagħmlu l-aħjar użu mis-*Searchlight Battery* | Il-Kunsill ser jevalwa kull opportunitajiet biex jagħmel l-ahjar użu minn dan il-bini hekk importanti. |

***L-oġġettivi, ir-riżultati mistennija u l-Istrateġija (tkompli)***

**3.3 Strategiji**

Il-Kunsill jaddotta strategija li tassigura li jitwettqu l-oggettivi u l-*policies* li jkun iffissa l-istess Kunsill. Din l-istrategijia hija mahsuba li tohloq opportunitajiet godda u li tevita' sitwazzjonijiet li jistghu jheddu is-success fil-ksib tar-rizultati mixtieqa.

L-istrategija mill-2012 sal-2014 huma :

- Nizviluppaw relazzjonijiet ta' xoghol kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment biex nakkwistaw l-ahjar servizzi possibli bl-aktar mod ekonomiku u bl-uzu ta' principji ta' "value chair management"
- Ninkuraggixxu d-djalogu, rispett u teamwork.
- Nizaw prassi u teknici ta' "best management practice"
- Ninvolvu lil kull settur fil-komunita fl-iffinanzjar ta' progetti socjali u kapitali biex jinholoq titjib inkrimentali ghal beneficcju globali u ghal zmien fit-tul tal-lokalita taghna.

## *4.0 Organizazzjoni*

**4.1 Organizazzjoni**

L-istruttura tal-organizazzjoni bħalissa qed jagħmilha possibbli għall-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur li jagħmel effetivament ix-xogħol tiegħu ta' kuljum.




Is-Sotto-Kumitati huma responsabbli minn oqsma differenti li huma :-

Qasam Socjali
Edukazzjoni
Relazzjonijiet Pubbliċi

Il-kuntratturi jipprovdu servizzi relatati ma' ġbir ta' skart (imhallat, separat u goff) mauntenzjoni ta' toroq, żamma tal-ġonna, żamma tal-latrini pubbliċi, manutenzjoni ta' fanali dekorattivi u bozoz.

Bħala amministrazzjoni, din tinsab magħmula minn uffiċjal eżekuttiv, skrivana fil-customer care li sservi bħala l-ewwel kuntatt tal-Kunsill mar-residenti u s-Segretarju Ezekuttiv. Il-ħaddiema fis-sezzjoni tal-manutenzjoni huma ħaddiema mislufa mill-IPSL, ETC u MRRA li jieħdu ħsieb li jagħmlu xogħol ta' tindif u manutenzjoni minuri fil-lokalita'.

**4.2 Attivitajiet Ġenerali**

L-isforzi taghna biex noffru servizz eccellenti mhumiex limitati biss ghall-organizazzjoni u kwalita' ta' servizz tal-Kunsill taghna izda wkoll ghall-programmi varji kapitali u socjali li ser nimbarkaw fuqhom fit-tliet snin li gejjin.

Il-Kunsill illum rnexxielu jistabbilixxi ruħu bħala Awtorità assoluta fuq livell lokali, u aktar sforzi huma ppjanati biex jittejjeb dan il-progress miksub. Sforz bħal dan ikun rifless ukoll fuq l-Awtorità Reġjonali, fejn il-Kunsill Lokali se jagħti kontribut u jħalli l-influwenza tiegħu fuq il-funzjonament tar-Reġjun Tramuntana.

Il-ġestjoni tal-Kunsill Lokali hija ispirata minn tieda kollettiva permezz ta' ħidma minn kull membru tal-partijiet elettivi u eżekuttivi. Il-miri kienu mibnija fuq żewġ sisien ewlenin - il-valur miżjud finanzjarju, u fuq il-kunċett effiċjenza-effettività-ekonomija. L-istruttura tal-Kunsill Lokali hija mħaddna fuq dawn il-kunċetti li jassiguraw rispons kontinwu f'kull settur, inkluż il-klijent, li fil-każ tal-gvern lokali huwa r-resident.

Dan it-titjib globali miksub fl-aħħar snin huma totalment sostnut għas-sodisfazzjon tal-komunità. Dan it-titjib huwa wkoll kredtu tar-residenti permezz tal-kooperazzjoni u ftehim konġunt.

L-istaff tal-Kunsill Lokali kiseb esperjenza kbira sabiex jintlaqghu r-rekweżiti li joħorġu mir-responsabbiltajiet addizzjonali delegati lill-Kunsilli Lokali. Iżda huwa ta' importanza kbira li l-opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp jkunu fis-seħħ biex jippermettu lill-istaff itejbu l-ħidma ta' kuljum tal-Kunsill permezz tas-servizzi li huma offruti fil-komunità.

Il-programm ta' resurfacing tat-toroq fil-lokalita' permezz tal-ftehim ta' Sħubija Pubblika u Privata (PPP), qed jerġa' jiġi appoġġat b'mod qawwi mill-Kunsill wara r-riżultati miksuba fil-passat.

Permezz ta' dan il-pjan ta' ħidma ta' tlett snin, is-sotto-kumitati jkollhom gwida għall-attivitajiet ġenerali tal-Kunsill Lokali. Dan kollu jipprovdi l-bazi tas-suċċess fil-ħidma tal-Kunsill.

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

## *5.0 Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*

### 5.1 Tbassir Finanzjarju għal tliet snin

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | c<br>BAĠIT<br>2012<br>€ | b<br>BAĠIT<br>2013<br>€ | c<br>BAĠIT<br>2014<br>€ | BAĠIT<br>2012-2014<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 273,112.00 | 253,500.00 | 258,500.00 | (14,612.00) |
| 0020 | Bye-laws | 7,000.00 | 7,500.00 | 8,000.00 | 1,000.00 |
| 0090 | Investment | 500.00 | 250.00 | 250.00 | (250.00) |
| 0100 | Ġenerali | | | | |
| | **TOTAL** | **280,612.00** | **261,250.00** | **266,750.00** | **(13,862.00)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 75,500.00 | 76,200.00 | 76,900.00 | 228,600.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 134,700.00 | 139,650.00 | 144,600.00 | 418,950.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 142,300.00 | 45,000.00 | 45,000.00 | 232,300.00 |
| | **Total** | **352,500.00** | **260,850.00** | **266,500.00** | **879,850.00** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **(71,888.00)** | **400.00** | **250.00** | **(893,712.00)** |
| | **BROUGHT FORWARD** | 72,000.00 | 112.00 | 512.00 | 762.00 |
| | **CARRY FORWARD** | 112.00 | 512.00 | 762.00 | 762.00 |

*It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment (ikompli)*

## 5.2 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | BAĠIT 2012 € | BAĠIT 2013 € | BAĠIT 2014 € | BAĠIT 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 222,112.00 | 220,000.00 | 225,000.00 | 667,112.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 47,500.00 | 30,000.00 | 30,000.00 | 107,500.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | | | |
| 0015 | Oħrajn | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 10,500.00 |
| | | **273,112.00** | **253,500.00** | **258,500.00** | 785,112.00 |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | |
| 0036 | Ksur ta' Bye-laws | | | | |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 7,000.00 | 7,500.00 | 8,000.00 | 22,500.00 |
| | | **7,000.00** | **7,500.00** | **8,000.00** | 22,500.00 |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Imgħax | 500.00 | 250.00 | 250.00 | 1,000.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **500.00** | **250.00** | **250.00** | 1,000.00 |
| 0100 | Ġenerali | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | |
| | | | | | |
| | **TOTAL** | **280,612.00** | **261,250.00** | **266,750.00** | **808,612.00** |

*Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment (ikompli)*

## 5.3 Tbassir ta' l-Infiq Għal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | c<br>BAĠIT 2012 € | b<br>BAĠIT 2013 € | c<br>BAĠIT 2014 € | BAĠIT 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,500.00 | 6,500.00 | 6,500.00 | 19,500.00 |
| 1150 | Allowance tal-Kunsiliera | 6,500.00 | 6,500.00 | 6,500.00 | 19,500.00 |
| 1200 | Pagi tal-Impjegati | 48,600.00 | 49,100.00 | 49,600.00 | 147,300.00 |
| 1300 | Bonus | 5,350.00 | 5,500.00 | 5,650.00 | 16,500.00 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet lis-Sigurta' Soċjali | 5,400.00 | 5,450.00 | 5,500.00 | 16,350.00 |
| 1600 | Allowances | 1,650.00 | 1,650.00 | 1,650.00 | 4,950.00 |
| 1700 | Sahra | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| | | **75,500.00** | **76,200.00** | **76,900.00** | 228,600.00 |
| 2000 | **Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra** | | | | |
| 2100 | Konsum tal-Bżonn | 7,000.00 | 7,500.00 | 8,000.00 | 22,500.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 4,000.00 | 4,250.00 | 4,500.00 | 12,750.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 10,000.00 | 11,000.00 | 12,000.00 | 33,000.00 |
| 2400 | Kera | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 12,000.00 |
| 2500 | Sħubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Interna | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 7,500.00 |
| 2600 | Spejjeż tal-uffiċċju | 2,500.00 | 2,600.00 | 2,700.00 | 7,800.00 |
| 2700 | Trasport | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 3,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 7,000.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Pubbliku | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 12,000.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 77,000.00 | 80,000.00 | 82,000.00 | 239,000.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 7,500.00 | 7,500.00 | 7,500.00 | 22,500.00 |
| 3200 | Taħriġ | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 3300 | Ospitalita' u Servizzi lill-Komunita' | 11,500.00 | 12,500.00 | 13,500.00 | 37,500.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra | 500.00 | 600.00 | 700.00 | 1,800.00 |
| 3600 | Spejjeż fuq infurzar Lokali | | | | |
| | | **134,700.00** | **139,650.00** | **144,600.00** | 418,950.00 |
| 7000 | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' Proprjeta | | | | |
| 7100 | Bini | 115,300.00 | 40,000.00 | 40,000.00 | 195,300.00 |
| 7200 | Titjieb Urban | 27,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 37,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | |
| 7500 | Proġetti Speċjali | | | | |
| | | **142,300.00** | **45,000.00** | **45,000.00** | **232,300.00** |
| | **TOTAL** | **352,500.00** | **260,850.00** | **266,500.00** | **879,850.00** |

## *6.0 Żvilupp Kapitali*

| Nru tal-Kont / Nru tal-Proġett | Spiża Kapitali / Deskrizzjoni tal-Proġett | 2012 KONT € | 2012 PROĠETT € | 2013 KONT € | 2013 PROĠETT € | 2014 KONT € | 2014 PROĠETT € | 2012-4 TOTAL TAL-KONT € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Proprjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini** | 115,300.00 | | 33,000.00 | | 35,000.00 | | 183,300.00 |
| 7101 | Asfaltar ta' Toroq | | 115,300.00 | | 33,000.00 | | 35,000.00 | |
| **7200** | **Titjib Urban** | 27,000.00 | | 12,000.00 | | 10,000.00 | | 49,000.00 |
| 7241 | Photovoltaic Panels | | 7,000.00 | | | | | |
| 7243 | Crash Barrier | | 20,000.00 | | | | | |
| | Titjieb Urban Generali | | | | 12,000.00 | | 10,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| | | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | |
| | | **142,300** | | **45,000** | | **45,000** | | **232,300** |